MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 224/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Fava**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Fava talli fit-22 ta' April 1994 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejejr:

**(1)** kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew parti minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101;
**(2)** biegh jew xort ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis, kollha jew parti minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Kap 101; u
**(3)** talli fl-istess zmien u post ikkoltiva l-pjanta Cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap 101;

L-ewwel qorti kient mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabilita mill-ligi tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez peritali skond l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Settembru 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Joseph Fava mhux hati skond it-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu, izda sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u skond it-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena ta' seba' (7) xhur prigunerija (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess Fava ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz), u multa ta' tlett mitt lira (Lm300);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Fava, minnu ppresentat fid-9 ta' Ottubru, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat u ezaminat dettaljatament l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx tasal, a bazi tal-provi li kellha quddiemha, ghall-konkluzzjoni li effettivament waslet ghaliha fir-rigward ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet. L-appellant jghid li l-ewwel qorti kellha tiskarta ghal kollox il-borza tal-*plastic* "allegatament" misjuba fil-gnien tieghu u li Dott. Anthony Abela Medici sab li kienet tikkontjeni 12.6 grammi weraq niexef tal-cannabis. Skond l-appellant, ghalkemm diversi xhieda qalu li instabet borza wahda, effettivament jirrizulta li s-*Scene of Crime Officer* P.C. 166 Marlon Debattista inghata zewg boroz mill-ufficjali li kkonducew il-prekwisizzjoni fid-dar u fil-gnien tieghu (il-borza l-ohra ma jirrizultax li instab fiha weraq tal-cannabis). Skond l-appellant, ghalhekk, il-borza kontenenti l-werqa niexef tal-cannabis "kellha tigi karatterizzata bhala prova dubbjuza mill-Ewwel Qorti u konsegwentement skartata". Din il-Qorti ma taqbilx. Huwa veru li filwaqt li x-xhieda kollha jsemmu borza wahda – dik li kien fija weraq niexef – P.C. Debattista jghid li meta mar fuq il-post in kwistjoni P.C. 579 Antoine Micallef tah zewg

boroz li gew deskritti hekk: *“94ATS 03 – Borza tal-plastik trasparenti mimlija bi frak tal-weraq niexfin”* u *“94ATS 04 – Borza tal-plastik trasparenti li fiha nagra hamrija u xi werqa”* (sottolinera ta’ din il-Qorti; ara fol. 18 ta’ l-atti tal-*proces-verbal* ezibiti a fol. 61 tal-atti tal-kawza). Dawn il-boroz jinsabu wkoll materjalment ezibiti a fol. 12 tal-atti tal-*proces-verbal*. Hu evident ghal din il-Qorti li x-xhieda kollha taw importanza partikolari lill-ewwel borza – li effetivament instab li kien fiha weraq tal-cannabis – u kwazi xejn importanza lit-tieni borza li kien fiha verament affarijiet li jistghu jigu klassifikati bhala tracci (f’din it-tieni borza ma jirrizultax li kien hemm cannabis). Il-presenza ta’ l-ewwel borza fil-post fejn effettivament instabet hija dokumentata wkoll fir-ritratti ezibiti minn P.C. 550 George Zammit (ara fol. 6 tal-atti tal-*proces-verbal*), u partikolarment fir-ritratti numru 6 u 7. Huwa evidenti li l-appellant kien qed jirreferi ghall-ewwel borza meta huwa wiegeb hekk fl-istqarrija tieghu tal-24 ta’ April, 1994 (fol. 27):

**M. Fil-bitha jew gnien li ghandek mad-dar jien sibtlek ukoll borza mimlija b’weraq hadrani; dak tighek u dik il-borza x’fiha?**
**T. Dik hija tieghi imma dik fiha haxix hazin u dak kont nuzah biex l-ammorini ibghidu fuqu.**

Hu evidenti wkoll li, meta wiehed jara iz-zewg boroz li, kif inghad, jinsabu materjalment ezibiti fl-atti, l-appellant ma setax kien qed jirreferi ghat-tieni borza (li ma fiha kwazi xejn, u certament ma fiha xejn li ghasafar jistghu jbghidu fuqu!) izda kien qed jirreferi ghall-ewwel borza. L-ewwel qorti kienet ghalhekk perfettament intitolata li minn dik il-borza mimlija bil-weraq tal-cannabis tikkonkludi li l-appellant, allura imputat, kien hati ta’ pussess tal-cannabis.

Kwantu ghall-koltivazzjoni, l-appellant jghid li hu ma kien b’ebda mod responsabbli ghall-“koltivazzjoni” taz-zewg pjanti zghar li nsatbu fil-gnien tieghu. Hu jikkontendi li dawn setghu nibtu minn zerriegha tal-qanneb li huwa kien jixtri legalment u jitma’ lid-diversi ghasafar li huwa f’xi zmien kellu, u li meta huwa jew farfar il-gageg jew tefa’ l-

hmieg tal-gageg fil-hamrija bhala demel, tnejn minn dawn iz-zerriegha insertaw li kienu germinabbli u b'hekk nibtu x-xtieli. L-ewwel qorti, fid-dawl tal-provi kollha li kellha quddiemha, ma emmnitx din il-verzjoni tal-fatti; u din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti setghet legalment u ragjonevolment ma temminx tali verzjoni. In fatti jidher car mis-sentenza li l-ewwel qorti ma bbazatx is-sejbien ta' htija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni esklussivament fuq il-fatt li nstabu zewg pjanti zghar tal-cannabis fil-gnien, izda hadet in konsiderazzjoni wkoll is-sejbien tal-borza mimlija weraq tal-cannabis. In fatti l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, qalet hekk:

**Illi l-Qorti hija tal-fehma li dawn il-fatturi kumulattivament iwasslu ghall-konfigurazzjoni tar-reati ta' pussess illegali semplici u koltivazzjoni tal-pjanta cannabis. Il-Qorti m'ghandhiex dubbju dwar il-konsapevolezza da parti tal-imputat dwar il-pjanti in kwistjoni.**

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ma tarax li ghandha takkolji l-appell.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li d-droga ezibita tigi distrutta mir-Registratur mhux aktar tard minn gimghatejn mill-lum u li l-istess Registratur jinserixxi fl-atti ta' din il-kawza *proces-verbal* bid-dettalji tad-distruzzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------